MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

Seduta tad-29 ta' Mejju, 2009

Citazzjoni Numru. 955/2000/1

**Anton Ferris**

**vs**

**Francis Deguara u Mario Musacat**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-attur ippremetta:

Illi l-konvenuti in solidum bejniethom huma debituri tal-attur fis-somma ta' sitt elef, erba' mija u tmenin liri maltin (Lm6481) rapprezentanti l-bilanc ta' prezz ta' drittijiet professjonali u flus avanzati lill-konvenuti mill-attur fuq ordni tal-kovenuti stess.

Illi l-konvenuti ghalkemm interpellati diversi drabi biex ihallsu, u ghalkemm ammettew li l-flus fuq imsemmija huma dovuti, xorta wahda baqghu inadempjenti.

Illi il-fuq imsemmi ammont huwa cert, likwidu u dovut ai termini tal-artikolu 167 et sequitur tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, kif l-istess attur jikkonferma fid-dikjarazzjoni guramentata tieghu, u li fil-fehma ta' l-attur, il-konvenuti ma ghandhomx eccezzjonijiet x'jaghtu.

Ghalhekk l-attur talab li l-konvenuti jghidu, in vista tal-premess, ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti:-

1. Tiddecidi l-kawza bid-dispensa tas-smigh ai termini ta' l-artikolu 167 et sequitur ta' Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Tikkundanna lill-konvenuti in solidum bejniethom ihallsu lill-attur is-somma ta' sitt elef, erba' mija u wiehed u tmenin lira maltin (Lm6481) rapprezentanti l-bilanc ta' prezz ta' drittijiet professjonali u flus avanzati lill-konvenuti mill-attur fuq ordni tal-konvenuti stess.

Bl-interessi legali u bl-ispejjez, inkluzi tal-mandat ta' sekwestru numru 1552/00 datat 4 ta' Mejju 2000 u tal-mandat ta' qbid 1553/00 ukoll datat 4 ta' Mejju 2000, kontra l-konvenuti in solidum bejniethom li gew ukoll ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu.

Rat l-affidavit tal-attur.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn gie eccepit:

1. Preliminarjament l-eccipjenti ma humiex il-legittimi kontraditturi tal-attur in vista tal-fatt li huma qatt ma kellhom relazzjoni guridika ma l-istess attur fil-kapacita' personali u proprja taghhom u kwindi ghalhekk l-istess konvenuti ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju.

2. Illi fit-tieni lok u minnghajr pregudizzju ghal premess, it-talba tal-attur ghandha tigi respinta stante li hija ghal kollox infondata kemm fattwalment kif ukoll legalment kif ser jigi ppruvat ahjar waqt l-ismiegh ta’ dina l-kawza.

3. Illi l-attur ghadu sal-gurnata tallum ma espletax l-inkariku professjonali lilu moghti mis-socjeta tal-konvenuti CFM Transport Limited tant li din is-socjeta ghadha sallum minnghajr accounts sa mis-sena 1993.

4. Illi inoltre jigi eccipit li l-attur tant kien negligenti u traskurat fix-xoghol professjonali tieghu bhala accountant mal-imsemmija socjeta’ li ghandu jinzamm responsabbli ghad-danni kollha li sofriet l-istess socjeta’ per konsegwenza ta tali agir.

5. Illi l-eccipjenti bhala shareholders tas-socjeta’ CFM Transport Limited li minnha l-attur kien gie nkarikat bhala l-accountant ma jafu b’ebda ammont pendenti favur l-istess attur ghal allegati drittijiet professjonali u wisq anqas huma konsapevoli ta’ flus ohra allegatament avvanzati mill-attur fuq inkariku taghhom.

6. Illi l-attur, li kien firmatarju bankarju tas-socjeta’ tal-konvenuti, ghad irid jaghti rendikont shih ta xogholu mas-socjeta lill-istess konvenuti proprio et nomine u tal-ahhar minn issa qed jirriservaw id-dritt ta’ azzjoni kemm civili kif ukoll kriminali kontra l-istess attur f’kaz li jirrizultaw cirkostanzi ta’ misrapprezentazzjoni u/jew cirkostanzi ta’ frodi u/jew misappropazzjoni kif ben tajjeb qed jissuspettaw l-istess konvenuti.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom.

Rat l-affidavit tal-attur.

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti.

Rat li l-kawza giet differita sabiex tinghata s-sentenza.

Ikkonsidrat:

L-attur qed jippretendi li huwa kreditur taz-zewg konvenuti, in solidum bejnithom, fis-somma ta' sitt elef, erba' mija u tmenin liri maltin (Lm6481) bilanc ta' somma akbar rapprezentanti drittijiet professjonali u flus avanzati mill-istess attur lill-konvenuti. Ghalhekk l-attur qed jitlob li l-konvenuti jigu kundannati jhallsuh l-imsemmija somma in solidum bejnithom.

Da parti taghhom il-konvenuti qed jeccepixxu li huma m'humiex il-legittimi kontradditturi tal-attur stante li huma personalmenmt qatt ma kellhom relazzjoni guridika mal-istess attur. Jeccepixxu ionoltre li effettivament l-attur ma kkompletax l-inkariku professjonali lilu moghti mis-socjeta' CFM Transport Limited, ta' liema socjeta' l-konvenuti huma azzjonisti u diretturi. In effett l-ahhar "accounts" li saru kienu tal-1993. Jeccepixxu ukoll li l-attur kien negligenti u traskurat fix-xoghol professjonali tieghu bhala "accountant" u kwindi hu responsabbli ghad-danni kollha li sofriet l-istess socjeta' bhala konsegwenza tal-agir tal-attur. Il-konvenuiti jkomplu jeccepixxu li huma ma jafu b'ebda ammont pendenti favur l-istess attur. Finmalment il-konvenuti jissottomettu li l-attur kien firmatarju bankarju tal-imsemmija socjeta' u, f'dan ir-rigward, ghad ghandu jaghti rendikont tal-ghemil tieghu.

Il-konvenuti naqqsu li jresqu provi in sostenn ta' dak li gie minnhom sottomess fl-imsemmija nota ta' eccezzjonijiet. In effett l-unika prova li saret, f'dawn il-proceduri, hi li l-attur ipproducja l-affidavit tieghu u annetta mal-istess affidavit xi dokumenti. Kif gia rilevat l-attur qed jitlob il-hlas ta' somma komplessiva li skond hu tirreferi in parti ghal drittijiet professjonali u in parti ghal ammonti avanzati minnu lill-konvenuti. L-attur pero' naqas li jispecifika kemm mill-istess somma komplessiva jirreferi ghad-drittijiet professjonali u kemm ghall-ammonti avanzati minnu.

L-ewwel li ser tigi trattata u deciza hi l-eccezzjoni preliminari tal-konvenuti rigwardanti li huma personalment mhux il-legittimi kontradditturi f'dawn il-proceduri peress li huma personalmenmt qatt ma kellhom relazzjoni guridika

mal-attur. In effett jekk l-attur inghata xi inkariku dan inghata mis-socjeta' CFM Transport Limited, ta' liema socjeta' l-konvenuti huma azzjonisti u diretturi. Hu ovvju li l-esami tat-talbiet attrici u tal-eccezzjonijiet fil-meritu ghandu jsir wara li tigi deciza l-imsemmija eccezzjoni. Id-decizjoni dwar il-meritu tiddependi mill-esitu ta' kif ser tigi deciza l-imsemmija eccezzjoni preliminari.

Mill-kumpless tal-provi, inkluz mill-affidavit tal-attur stess, jirrizulta sufficjentement li l-imsemmija eccezzjoni preliminari ghandha tigi akkolta. Jigi rilevat li l-affidavit tal-attur, in effett, la gie kontradett u lanqas ma sar kontro-ezami lill-attur. L-istess affidavit jikkontjeni rakkonti ta' diversi fatti li huma ghal kollox irrilevanti ghal finijiet ta'dawn il-proceduri.

Fl-istess affidavit l-attur jikonferma li huwa kien gie avvicinat mill-konvenuti u minn terza persuna sabiex possibilment isir dak kollu necessarju sabiex ditta tat-trasport tal-merci olandiza taghti b'sub-appalt it-trasport tal-merci lill-istess tlett persuni. L-attur jispecifika li huwa kien il-kontrollur finanzjarju tal-agenti tal-istess ditta olandiza. In effett id-ditta olandiza accettat u sar ftehim datat Ottubru1993. Fil-frattemp l-imsemmija tlett persuni rregistraw hawn Malta socjeta' bl-isem CFM Transport Limited. L-istess tlett persuni kienu l-azzjonisti u d-diretturi tal-imsemmija socjeta'. Jirrizulta mill-kopja ta' dan il-ftehim (Dokument 'A' fol.29) li l-istess ftehim sar bejn id-ditta olandiza u l-imsemmija socjeta' lokali CFM Transport Limited. Dan il-fatt hu indikattiv li fl-eventwali negozju li sar bejn l-attur u l-konvenuti, l-istess konvenuti ma agixxewx personalment izda agixxew ghan-nom u in rappresentanza tal-imsemmija socjeta' lokali. Inoltre l-attur jirrakonta kif inghalqet l-imsemmija socjeta u jidher li l-bank lokali li kien sellef xi ammonti ta' flus lill-istess soicjeta' avanza pretensjonijiet kontra s-socjeta' lokali sabiex l-ammonti avanzati jithallsu lura. (Dokument 'J' – fol. 56).

Inoltre l-attur stess jikkonferma li s-socjeta' lokali in kwestjoni kellha tircievi lura xi taxxi li kienu thallsu l-Italja. Meta dawn il-flus gew ricevuti l-attur jallega li minnhom

kellu jiehu ammont ta' Lm1,000 akkont tal-ammont kollu dovut lilu mill-konvenuti "jew" mis-socjetas' lokali CFM Transport Ltd. Dan ifisser li l-attur mhux zgur dwar il-fatt jekk in-negozju bejn il-partijiet sarx mill-konvenuti personalment jew mal-istess konvenuti ghan-nom u in rappresentanza tal-imsemmija socjeta'.

Minn dawn il-fatti kollha jidher li, effettivament, il-konvenuti mhux il-legittimi kontraditturi f'dawn il-proceduri u konsegwentement l-eccezzjoni preliminari tal-konvenuti timmerita li tigi akkota u kwindi l-istess konvenuti ghandhom jigi liberati mill-osservanza tal-gudizzju.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tilqa l-eccezzjoni preliminari tal-konvenuti u billi fit-tieni lok tillibera lill-konvenuti mil-osservanza tal-gudizzju.

Spejjez kollha kontra l-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------